

Brussell, 14 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13493/25
PV CONS 47
COMPET 958
IND 396
MI 726
RECH 423
ESPACE 63
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju))
29 u 30 ta' Settembru 2025

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 12940/25. Fuq talba tal-Ġermanja, Franza u l-Italja, il-Kunsill qabel li jżid punt ieħor taħt "affarijiet oħra" dwar it-tħabbira mill-Kummissjoni tal-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali (IDAA), f'sessjoni pubblika. Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Kunsill qabel li jżid punt ieħor taħt "affarijiet oħra" dwar ir-Rapport ta' Progress Annwali tal-2025 dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar, f'sessjoni pubblika.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva 13120/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

**b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika 13121/25
f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 909/2014 fir-rigward ta' ċiklu tas-saldu iqsar fl-Unjoni
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24.09.2025



12840/25
PE-CONS 23/25
EF

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost għe adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Affarijiet Ġenerali

2. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2023/956 fir-rigward tas-simplifikazzjoni u t-tisħiħ tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri**

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24.09.2025



12818/25
PE-CONS 21/25
SIMPL

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Ġustizzja u Affarijiet Interni

3. **Regolament li jemenda l-Artikolu 80(9) tar-Regolament (UE) 2018/1727 dwar il-Eurojust**

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24.09.2025



12846/25
PE-CONS 33/25
COPEN

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 85 TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni.

4. **Regolament dwar proċedimenti ta' insolvenza biex jiġu sostitwiti l-Annessi A u B tiegħu**

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-24.09.2025



12845/25
PE-CONS 30/25
JUSTCIV

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 81(2)(a), (c) u (f) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma ħaditx sehem fil-votazzjoni.

Impjiegi u Politika Soċjali

5. **Regolament dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni**  12843/1/25 REV 1
+ 12843/25 ADD 1
9858/25
+ **COR 1 (hr)**
+ ADD 1 REV 1
SOC
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24.09.2025

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, filwaqt li l-Belġju, l-Italja u l-Finlandja astjenew (bażi legali: l-Artikolu 338(1) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Trasport

6. **Direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan, li temenda d-Direttiva (UE) 2022/2561, ir-Regolament (UE) 2018/1724 u li tħassar id-Direttiva 2006/126/KE u r-Regolament (UE) Nru 383/2012**  12678/25 + ADD 1
8353/25
+ ADD 1 REV 1
TRANS
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24.09.2025

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, filwaqt li l-Kroazja u Malta vvotaw kontra, u l-Bulgarija u l-Awstrija astjenew (bażi legali: l-Artikolu 91(1) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

7. Direttiva dwar skwalifiki mis-sewqan

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24.09.2025

 12679/25
8351/25
+ **COR 1 (fr)**
+ ADD 1
TRANS

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, filwaqt li l-Awstrija astjeniet (bażi legali: l-Artikolu 91(1)(c) TFUE).

8. Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24.09.2025

 12909/25 + ADD 1
10015/25
+ **COR 1 (fi)**
+ **COR 2 (nl)**
+ ADD 1
+ **ADD 1 COR 2 (es)**
+ **ADD 1 COR 3 (fi)**
AVIATION

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, filwaqt li l-Ġermanja, Spanja, il-Portugall, u s-Slovenja vvotaw kontra, u l-Estonja u l-Awstrija astjenew (bażi legali: l-Artikolu 100(2) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Ambjent

9. Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24.09.2025

 12910/1/25 REV 1
12910/25 ADD 1
REV 1
9474/25 + COR 1
+ ADD 1
ENV

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, filwaqt li l-Ġermanja vvotat kontra, u l-Awstrija astjeniet (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

SUQ INTERN U INDUSTRIJA

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Fond għall-Kompetittività

Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Dibattitu ta' orjentazzjoni

 12723/25

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni u kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.

Attivitajiet mhux leġislattivi

4. Simplifikazzjoni, inkluż ir-Rapport ta' Progress Annwali tal-2025 dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar – progress lejn it-tnaqqis ta' 25% tal-piżijiet għan-negozji
Preżentazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

12704/25
+ COR 1 REV 1

Affarijiet oħra

5. a) **It-tmiem tar-restrizzjonijiet territorjali mhux ġustifikati fuq il-provvista**  13010/1/25 REV 1
Informazzjoni mill-Awstrija, il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Kroazja, il-Greċja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u s-Slovenja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, il-Belġju, iċ-Ċekja, il-Kroazja, il-Greċja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u s-Slovenja.

- b) **Dikjarazzjoni tal-Koalizzjoni Semicon li tappella għal Att rivedut tal-UE dwar iċ-Ċipep sabiex tissaħħaħ u tingħata ħajja ġdida lill-pożizzjoni tal-Ewropa fl-industrija globali tas-semikondutturi**  12898/25
Informazzjoni min-Netherlands f'isem l-Istati Membri kollha

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta min-Netherlands f'isem l-Istati Membri kollha.

- c) **It-Tielet Djalogu Strateġiku mal-Industrija Ewropea tal-Karozzi (Brussell, 12 ta' Settembru 2025)**  13007/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- d) **Proposti leġislattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**  

- i) **Is-sitwazzjoni attwali tal-pakketti Omnibus** 6595/25
Informazzjoni mill-Presidenza 6596/25
9317/1/25 REV 1
(en)
9318/25 + ADD 1
9327/25 + ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- ii) **Ir-rikonċiljazzjoni tal-mira klimatika għall-2040
mal-kompetittività industrijali Ewropea** 13193/25
Informazzjoni minn Franza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza.

- e) **Dokument Informali Trilaterali Konġunt mill-
Ġermanja, Franza u l-Italja dwar it-tħabbira tal-
Kummissjoni tal-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-
Dekarbonizzazzjoni Industrijali (IDAA)**  13273/25
Informazzjoni mill-Ġermanja, Franza u l-Italja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja, Franza u l-Italja

RIĊERKA

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

6. **Konklużjonijiet dwar l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-Istrateġija tal-UE għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up** 12821/25
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva t-test tal-konklużjonijiet kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

7. **Konklużjonijiet dwar sejħa għal azzjoni dwar ix-xjenzi tal-ħajja għall-kompetittività tal-Unjoni** 12838/25
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva t-test tal-konklużjonijiet kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

8. **Pakkett Orizzont Ewropa: Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2028-2034** 12800/25

- a) **Programm Qafas u r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni** 12C

- b) **Programm speċifiku għall-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa** SC
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.

Affarijiet oħra

9. a) **Strateġija Ewropea għall-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija** [2] 12895/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- b) **Rapport ta' Progress Annwali tal-2025 dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar** [2] 13280/25
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

-
- [1] L-ewwel qari
- [S] Proċedura leġiżlattiva speċjali
- [2] Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- [C] Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 13121/25

Dwar il-punt "A"
nru 5:

Regolament dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tappoġġa l-valur miżjud tar-Regolament dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni fl-istabbiliment tal-qafas legali komuni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni u dwar l-immodernizzar tal-istatistika soċjali, bil-ħsieb ta' appoġġ aħjar għall-politiki tal-UE relatati mal-bdil demografiku, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, li parti importanti minnhom hija l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. Aħna impenjati u ser nibqgħu impenjati għall-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif minqux fit-Trattati.

F'dan ir-rigward, il-Bulgarija tinnota li d-deċiżjoni tal-2018 tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija, li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika ("il-Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-kunċett ta' ġeneru li mhumiex kompatibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Fl-2021, il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tiċċara li t-terminu "sess" użat fil-Kostituzzjoni, fil-kuntest tal-ordni legali nazzjonali, għandu jinftehem fis-sens bijoloġiku tiegħu biss (irġiel u nisa). F'konformità ma' dawn id-deċiżjonijiet, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li ma tistax taċċetta kunċetti li għandhom l-għan li jiddistingwu s-"sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u irġiel) mill-"ġeneru" bħala kategorija soċjali u li ser tinterpreta l-uża tat-terminu "ġeneru" fir-Regolament biss fis-sens bijoloġiku tiegħu.

Fl-aħħar nett, fit-test tar-Regolament, ir-Repubblika tal-Bulgarija ser taċċetta t-traduzzjoni tat-terminu "ġeneru" fil-Bulgaru biss bħala "sess" ('пол' bil-Bulgaru)."

DIKJARAZZJONI MIĊ-ĊEKJA

"Ir-Repubblika Ċeka tappoġġa l-prinċipji ġenerali tal-ESOP u tilqa' għadd ta' aspetti tat-test ta' kompromess. Madankollu, il-veloċità tat-tmiem tal-proċess tan-negozjati taffettwaha b'mod negattiv.

Ir-Repubblika Ċeka tibqa' konvinta li l-formulazzjoni proposta tal-Artikoli 3, 5 u 11 hija problematika għall-implimentazzjoni futura tagħhom fil-prattika tal-istatistika.

It-tħassib ewlieni tar-Repubblika Ċeka huwa l-applikazzjoni tad-definizzjoni tal-popolazzjoni u l-immudellar ta' parti mhux irreġistrata tal-popolazzjoni mingħajr ebda sors ta' data affidabbli. Huwa tal-akbar importanza li jintużaw sorsi ta' data amministrattiva ċċentrati madwar ir-reġistru tal-popolazzjoni għall-produzzjoni ta' statistika f'waqtha f'konformità mal-istandards tal-kwalità għall-istatistika uffiċjali Ewropea. L-iskadenzi diffiċli biex tiġi pprovduta d-data speċifikata fl-anness ta' dan ir-Regolament jistgħu jinkisbu biss jekk dawn ikunu jistgħu jiġu bbażati fuq sorsi ta' data amministrattiva sodi u komprensivi."

Ir-Repubblika Ċeka hija tal-opinjoni li s-salvagwardja li tillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u li tistabbilixxi r-relazzjoni tiegħu mar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni hija fformulata fit-test ta' kompromess finali biss fir-rigward tal-kontenut eżistenti tad-data miġbura skont dan ir-Regolament u mhux b'mod ġenerali għad-data miġbura abbażi ta' kampjuni ta' persuni u unitajiet domestiċi. Dan jista' jwassal għaż-żieda futura fil-piż għall-Istati Membri u r-rispondenti.

Fir-rigward tal-ġbir ta' data ad hoc skont l-Artikolu 5, ir-Repubblika Ċeka temmen li dawn mhux ser joħolqu piż straordinarju fuq l-Istati Membri u li dawn ser jiffokaw biss fuq l-użu ta' sorsi ta' data amministrattiva eżistenti.

Ir-Repubblika Ċeka tista' tappoġġa t-test ta' kompromess finali iżda b'ċerti riżervi ddikjarati hawn fuq."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala "l-għoti ta' opportunitajiet u opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel" fl-*Abbozz ta' Regolament (UE)...* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013."

Dwar il-punt "A" **nru 6:**

Direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan, li temenda d-Direttiva (UE) 2022/2561, ir-Regolament (UE) 2018/1724 u li tħassar id-Direttiva 2006/126/KE u r-Regolament (UE) Nru 383/2012
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

DIKJARAZZJONI MILL-KROAZJA

"Ir-Repubblika tal-Kroazja ttenni l-importanza ta' tliet elementi ewlenin li d-Direttiva għandha l-għan li tqis: it-titjib tas-sikurezza fit-toroq, is-sempliċità tal-applikazzjoni, u l-qafas ġenerali.

Fl-istess ħin għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u għandhom jinżammu l-prattiki tajbin attwali fil-livell nazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza fit-toroq.

Ir-Repubblika tal-Kroazja ma setgħetx tappoġġa l-elementi li ġejjin tat-test propost:

1. L-Artikolu 17, li jintroduċi l-obbligu li l-Istati Membri jgħorġu liċenzji tas-sewqan għall-kategoriji B u C lil applikanti ta' 17-il sena (bil-kodiċi tal-UE 98.02) taħt skema ta' sewqan akkumpanjat.

Is-sewqan fl-età ta' 17-il sena, anke taħt superviżjoni, ibaxxi l-limitu ta' età minima li tapplika fil-Kroazja fil-preżent, u joħloq sfidi sinifikanti f'termini ta' infurzar tal-liġi, kontroll u sikurezza fit-toroq. Għalhekk l-introduzzjoni ta' din l-iskema għandha tibqa' fakultattiva, billi hija marbuta mill-qrib mal-kundizzjonijiet tat-traffiku nazzjonali, il-politiki eżistenti dwar is-sikurezza u l-kapaċitajiet ta' infurzar.

Minbarra t-tħassib dwar is-sikurezza, l-implimentazzjoni ta' din is-sistema timponi piżijiet amministrattivi u finanzjarji konsiderevoli fuq l-awtoritajiet kompetenti. Il-monitoraġġ tal-konformità mal-kundizzjonijiet għal sewqan akkumpanjat (l-eliġibbiltà tal-akkumpanjaturi, il-limiti fuq is-sewqan, il-proċeduri ta' identifikazzjoni) ikun kumpless, intensiv f'kemm jeħtieġ rizersi u diffiċli biex jiġi infurzat b'mod effettiv fil-prattika.

Għalhekk ninsabu mħassba li l-implimentazzjoni obbligatorja tal-iskema ta' sewqan akkumpanjat tista' taffettwa s-sikurezza fit-toroq b'mod negattiv, toħloq kostijiet amministrattivi sproporzjonati, u tikkaġuna konsegwenzi imprevedibbli.

2. Id-dispożizzjoni li tintroduċi skadenza obbligatorja ta' tliet ġimgħat għall-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan fiżika (Premessa 11).

Skont il-leġislazzjoni nazzjonali attwali, liċenzja tas-sewqan fil-Kroazja tinħareġ fi żmien 30 jum fil-proċedura regolari. Skadenzi iqsar jeżistu biss fi proċeduri aċċellerati u urġenti, li huma aktar għaljin u għalhekk rarament jintużaw.

L-introduzzjoni ta' obbligu ta' skadenza ta' tliet ġimgħat fil-livell tal-UE tqassar il-proċedura regolari eżistenti fil-Kroazja u teħtieġ aġġustament sistemiku tal-proċessi amministrattivi. Dan johlq piżijiet organizzazzjonali u finanzjarji addizzjonali għall-awtoritajiet kompetenti, iżid il-kostijiet ġenerali tal-proċedura, li fl-aħħar mill-aħħar jgħaddu għaċ-ċittadin.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kroazja temmen li l-iskadenza biex jinħarġu l-liċenzji tas-sewqan fiżiċi għandha tibqa' kompetenza tal-Istati Membri, li jagħti l-flessibbiltà ta' adattament għall-kapaċitajiet amministrattivi u l-istrutturi tal-kostijiet nazzjonali.

Billi t-test finali ma jindirizzax kif xieraq it-tħassib imsemmi hawn fuq, ir-Repubblika tal-Kroazja ma tistax tappoġġah.

Ir-Repubblika tal-Kroazja tibqa' impenjata li timplimenta l-qafas leġislattiv armonizzat fl-UE kollha li ser jiżgura l-infurzar tal-ogħla standards tas-sikurezza fit-toroq."

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"Malta laqgħet tajjeb il-Proposti tal-Kummissjoni fil-Pakkett dwar is-Sikurezza fit-Toroq, filwaqt li tagħraf l-importanza tagħhom biex titjeb is-sikurezza fit-toroq fl-UE u jitravmu sistemi tat-trasport aktar sikuri u aktar intelliġenti. Dawn l-oġettivi stipulati fil-Pakkett huma allinjati sew mal-viżjoni u l-impenji nazzjonali ta' Malta.

Malta tirrikonoxxi li l-kompromess finali li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew fih diversi emendi kostruttivi mmirati lejn it-titjib u t-tisħiħ sostanzjali tat-test, speċjalment mill-perspettiva tas-sikurezza fit-toroq.

Qed tintlaqa' tajjeb il-flessibbiltà għall-Istati Membri biex ikomplu jirrikjedu valutazzjonijiet mediċi għal dawk li japplikaw għal liċenzja tas-sewqan għall-ewwel darba, u għall-persuni akbar fl-età meta jġeddu l-liċenzji tagħhom. Barra minn hekk, Malta hija favur li l-età minima għad-drittijiet sħaħ tas-sewqan ta' dawk li jkollhom liċenzja tal-Kategorija B tibqa' 18-il sena, skont l-Artikolu 7. Madankollu, Malta tibqa' ma tistax turi appoġġ simili għall-Iskema ta' Sewqan Akkumpanjat. Filwaqt li Malta tilqa' tajjeb in-natura volontarja ta' din l-Iskema għal-Liċenzji tal-Kategorija C, għad għandna riżervi serji dwar l-applikazzjoni obbligatorja tagħha għal-Liċenzja tal-Kategorija B, speċjalment billi din mhijiex allinjata mar-realtajiet u l-isfidi speċifiċi tal-infrastruttura tat-toroq f'Malta. Fil-kuntest tan-network tat-toroq limitat u urbanizzat ħafna tagħna, il-ħruġ ta' liċenzja tal-Kategorija B lid-demografija fil-mira tal-Iskema ta' Sewqan Akkumpanjat mhuwiex allinjat mal-oġettiv tagħna li ntejbu s-sikurezza fit-toroq. Din l-iskema ser toħloq pressjonijiet addizzjonali għan-networks tat-toroq f'Malta, filwaqt li trażżan l-isforzi tal-Gvern biex iħeġġeġ bidla modali fost din l-istess demografija.

Għalhekk, filwaqt li Malta tibqa' impenjata għalkollox li ttejjeb is-sikurezza fit-toroq u tilħaq l-oġettivi tagħna ta' Viżjoni Żero, ma nistgħux nappoġġaw il-ftehim proviżorju li ntlaħaq bejn il-Kunsill u l-Parlament fl-24 ta' Marzu 2025."

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tesprimi l-apprezzament tagħha għall-isforzi kbar tal-Presidenza Pollakka fit-tmexxija tad-diskussjonijiet dwar il-proposta għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru u l-isforzi tagħha biex tibni kompromess fost l-Istati Membri. L-Estonja tibqa' impenjata li tistabbilixxi regoli ċari u sempliċi li jiggarrantixxu kura u assistenza adegwati għall-passiġġieri. Fl-istess ħin, huwa importanti li jinżamm approċċ ibbilanċjat li jqis l-obbligi tat-trasportaturi tal-ajru, u b'hekk tiġi appoġġata s-sostenibbiltà tas-settur tal-avjazzjoni.

Ir-Regolament għandu primarjament jiżgura li l-passiġġieri jirċievu l-kura u l-assistenza xierqa u jkunu jistgħu jaslu fid-destinazzjoni tagħhom malajr kemm jista' jkun. Sistema ta' kumpens ċara u sempliċi hija essenzjali biex timminimizza l-inkonvenjenza matul it-tfixkil u biex tinċentiva lit-trasportaturi biex joperaw titjiriet imdewma minflok jikkancelawhom.

Matul in-negozjati, ġew proposti diversi limiti ta' dewmien. L-Estonja tappoġġa l-introduzzjoni ta' limitu uniformi ta' dewmien ta' ħames sigħat għat-titjiriet kollha, irrispettivament mit-tul tal-vjaġġ, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament 261/2004. Ir-raġunament dettaljat tagħna huwa kif ġej:

1. L-użu ta' limitu uniku jissimplifika r-Regolament, jagħmel il-kalkoli tal-kumpens aktar sempliċi u jiċċara r-regoli ta' kumpens għall-passiġġieri.
2. Mill-perspettiva tal-passiġġier, l-impatt ta' titjira mdewma huwa fundamentalment l-istess, irrispettivament mid-distanza tal-vjaġġ. Għalhekk, ma hemmx bżonn li ssir distinzjoni bejn il-limiti ta' kumpens abbażi tad-distanza, peress li l-esperjenza ta' inkonvenjenza minħabba dewmien ma tvarjax.
3. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ħames sigħat huma biżżejjed biex il-kumpaniji tal-ajru jsewwu l-ajruplan, isibu ingenu tal-ajru ieħor jew jipprovdu titjiriet alternattivi.

Minħabba dawn il-konsiderazzjonijiet, il-limitu ta' sitt sigħat propost mill-Presidenza fil-proposta ta' kompromess mhuwiex aċċettabbli għalina. L-Estonja tqis li dewmien ta' ħames sigħat jew aktar jirriżulta f'inkonvenjenza konsiderevoli għall-passiġġieri u għandu jiġi kkompensat.

Fid-dawl tal-importanza ta' din il-kwistjoni, l-Estonja mhijiex f'pożizzjoni li tapprova l-ftehim politiku dwar ir-Regolament dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri tal-Ajru u għalhekk ser tastjeni."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"Kif issottolinjat mill-Istati Membri matul id-dibattitu ta' orjentazzjoni organizzat mill-Presidenza Ungeriża fl-2024, l-għan ewlieni tal-emendar tar-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru, fost l-oħrajn, huwa s-simplifikazzjoni tal-miżuri u li jinstab bilanċ bejn l-interessi tal-passiġġieri u dawk tal-industrija.

Mill-bidu nett, l-Ungerija qajmet il-kwistjoni tan-nuqqas ta' data u analiżi suffiċjenti li jikkonfermaw l-effettività tal-miżuri proposti u l-bilanċ bejn l-interessi tal-passiġġieri u tal-industrija. Aħna qajjimna wkoll tħassib dwar l-introduzzjoni ta' obbligu ta' kumpens għad-dewmien fir-Regolament mingħajr l-istudji ta' sfond meħtieġa li janalizzaw l-effettività tiegħu u l-għażliet ta' politika differenti possibbli.

L-Ungerija per se ma topponix l-introduzzjoni ta' kumpens għad-dewmien. Madankollu, aħna naħsbu li huma meħtieġa aktar kunsiderazzjonijiet sabiex ikun jista' jiġi stabbilit il-bilanċ it-tajjeb bejn l-interessi tal-industrija u l-protezzjoni tal-passiġġieri. Din hija r-raġuni għaliex fil-Kunsill tat-Trasport ta' Ġunju 2025 appoġġajna biss il-bidu tan-negozjati mal-Parlament Ewropew bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni Ewropea tħejji analiżi għan-negozjati interistituzzjonali li jmiss li jkun fiha data aktar dettaljata minn dik li rċevejna preċedentement. Skont it-talba tagħna, din l-analiżi għandha tinkludi informazzjoni aġġornata kemm mill-passiġġieri kif ukoll mill-industrija, li tiddekrivi u tivvaluta l-impatti mistennija tar-Regolament.

L-"input tekniku" ppreżentat mill-Kummissjoni jonqos milli jipprovdi evidenza sostanzjata li tikkonferma li l-obbligu ta' kumpens għad-dewmien ser inaqqas b'mod effettiv l-għadd ta' dewmien fit-titjiriet u li din il-miżura hija l-aktar adattata biex jinkiseb dak ir-risultat. Il-Kummissjoni għadha tindika prinċipalment studji antiki u obsoleti, tuża suppożizzjonijiet ("dewmien li dak li jkun jista' jaħseb li huwa attribwibbli lil-linji tal-ajru") minflok data u analiżi reali u tipprovdi data dwar id-dewmien biss għax-xahar ta' Lulju 2025 li huwa ċar li mhux biżżejjed biex isservi bħala bażi għal kwalunkwe miżura sostantiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri jistgħu jpoġġu lil-linji tal-ajru Ewropej fi żvantaġġ kompetittiv u tagħraf li bħalissa ma hemm ebda data dwar fatturi ulterjuri li jista' jkollhom impatt fuq il-kompetittività relattiva. Il-Kummissjoni tinnota wkoll il-piż dejjem akbar fuq il-korpi nazzjonali tal-infurzar (NEBs). Hija "tassumi" li l-ejenkar ta' ċirkostanzi straordinarji jista' jtaffi dan il-piż, iżda s-sitwazzjoni fil-fatt hija ħafna aktar kumplessa minn hekk, peress li d-dewmien mhuwiex ikkawżat minn fattur wieħed, għalhekk l-eżistenza ta' ċirkostanzi straordinarji xorta trid tiġi ddeterminata abbażi ta' każijiet individwali.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, it-test, fil-fehma tagħna, mhuwiex qed jissimplifika iżda jikkomplika aktar il-miżuri, u dan jagħmilha diffiċli ħafna għall-pubbliku li jivvjaġġa biex jifhem id-drittijiet tiegħu.

B'dan l-isfond, nixtiequ nissottolinjaw, għal darb'oħra, li mhux ser inkunu f'pożizzjoni li nappoġġaw il-fehim li għandu jsir mal-Parlament Ewropew sakemm ma tintweriex evidenza ċara dwar l-effettività tal-miżuri u dwar il-kisba ta' bilanċ bejn l-interessi tal-passiġġieri u dawk tal-industrija.

Għal spjegazzjoni aktar dettaljata tal-pożizzjoni tagħna, jekk jogħġbok ara l-Anness.

Anness

Il-proposta tal-2001 tal-Kummissjoni

L-obbligu li t-trasportaturi jikkumpensaw lill-passiġġieri għad-dewmien ma kienx l-intenzjoni oriġinali tal-Kummissjoni. Fil-proposta oriġinali tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li għalkemm il-passiġġieri jbatu minn inkonvenjenza u frustrazzjoni simili minn dewmien bħal meta ma jitħallewx jitolgħu jew tiġi kkanċellata titjira, hemm differenza fis-sens li operatur huwa responsabbli milli jiċċad l-imbark u jikkannċella titjira (sakemm mhux għal raġunijiet lil hinn mir-responsabbiltà tiegħu) iżda mhux dejjem responsabbli għal dewmien. Kawżi komuni oħrajn huma s-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-limiti għall-kapaċità tal-ajruport. Kif ġie ddikjarat fil-komunikazzjoni tagħha dwar il-protezzjoni tal-passiġġieri tal-ajru, il-Kummissjoni temmen li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-operaturi ma għandhomx ikunu obbligati jagħtu kumpens lill-passiġġieri li jkollhom dewmien fit-titjira tagħhom.¹

Deċiżjonijiet tal-QĠUE

Għalkemm skont l-interpretazzjoni – kontroversjali ħafna – tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-linji tal-ajru huma meħtieġa jikkumpensaw lill-passiġġieri għal dewmien twil, il-fehim tagħna huwa li ma hemm ebda obbligu li jiġu kkodifikati d-deċiżjonijiet tal-QĠUE.

Anke l-proposta tal-Kummissjoni għal kumpens għad-dewmien tiddevja mid-deċiżjoni eżatta tal-QĠUE.

¹ COM(2001) 784 final, par 23 (mhux disponibbli bil-Malti)

Nuqqas ta' data u analiżi

Nixtiequ ntenu li bħalissa ma hemm l-ebda evidenza suffiċjenti li tappoġġa li l-obbligu tal-linji tal-ajru li jħallsu kumpens għad-dewmien ser jilħaq l-oġġettiv mixtieq li jitnaqqas l-għadd ta' titjiriet imdewma.

Jekk l-għan tal-introduzzjoni ta' kumpens għad-dewmien huwa biss li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġieri (u mhux biex jitnaqqas l-għadd ta' titjiriet imdewma), għandu jiġi vvalutat bir-reqqa jekk huwiex ġust li jitqiegħed il-piż kollu fuq it-trasportaturi tal-ajru, jekk it-trasportaturi tal-ajru jistgħux jitolbu l-ammonti mħallsa bħala kumpens għad-dewmien minn partijiet terzi li jikkawżaw jew jikkontribwixxu għad-dewmien u jekk hemmx soluzzjonijiet alternattivi vijabbli. Analiżi bħal din għadha ma saritx s'issa.

Qabel ma jiġi introdott l-obbligu għall-kumpens għad-dewmien, għandu jiġi investigat sa liema punt inbidlu l-fatturi msemmija fil-proposta tal-Kummissjoni tal-2001. L-introduzzjoni ta' obbligu ġdid fir-Regolament teħtieġ analiżi dwar l-effettività tiegħu biex jintlaħqu l-oġġettivi mixtieqa u l-impatt tiegħu fuq il-partijiet ikkonċernati.

B'mod aktar speċifiku, nixtiequ nirreferu għal-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar² li skonthom il-valutazzjonijiet tal-impatt jiġbru evidenza (inkluż ir-riżultati tal-evalwazzjoni) biex jiġi vvalutat jekk azzjoni leġiżlattiva jew mhux leġiżlattiva futura tal-UE hijiex ġustifikata u, jekk iva, kif tista' titfassal bl-aħjar mod biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika rilevanti. Huma għandhom jidentifikaw u jiddeskrivu l-problema li għandha tiġi indirizzata; jistabbilixxu oġġettivi għall-azzjoni tal-UE; jifformulaw għażliet ta' politika, jivvalutaw l-impatti potenzjali tagħhom u, fejn xieraq, jidentifikaw għażla ppreferuta; u jistabbilixxu kif ir-riżultati mistennija ser jiġu mmonitorjati u evalwati. Il-valutazzjoni tal-impatt hija dwar il-ġbir u l-analiżi tal-evidenza biex tappoġġa t-tfassil tal-politika. Dan jinvolvi l-verifika tal-eżistenza ta' problema, l-identifikazzjoni tal-kawżi sottostanti tagħha, il-valutazzjoni ta' jekk hijiex meħtieġa azzjoni tal-UE, u l-analiżi tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi tas-soluzzjonijiet disponibbli.

Tali valutazzjonijiet għall-kumpens għad-dewmien huma neqsin.

Huwa kemxejn mhux tas-soltu li l-Kummissjoni tipproponi l-introduzzjoni ta' miżuri leġiżlattivi ġodda mingħajr ma tkun gābret u studjat id-data sottostanti meħtieġa.

² https://commission.europa.eu/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation/better-regulation-guidelines-and-toolbox_mt.

Sejbiet tal-Istudji tal-2012 u tal-2020 dwar id-dewmien

Fit-tweġiba tagħha għat-tħassib tagħna, il-Kummissjoni rreferiet għall-istudju tal-2020³ u għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-2013⁴ (li hija bbażata fuq l-Istudju tal-2012⁵), filwaqt li enfasizzat li l-għadd ta' dewmien attribwibbli lil-linji tal-ajru naqas minn 80 % għal 70 % u li huwa diffiċli li jiġi analizzat l-effett tal-kumpens fuq it-tnaqqis tad-dewmien attribwibbli lil-linji tal-ajru.

L-istudju tal-2020 jikkonferma li l-għadd globali ta' titjiriet imdewma żdied b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin u kważi rdoppja bejn l-2014 u l-2018⁶. Id-dikjarazzjoni msemmija mill-Kummissjoni⁷ (jiġifieri abbażi tad-data dwar id-dewmien ipprovduta mill-CODA, il-proporzjon ta' dewmien attribwibbli lil-linji tal-ajru, bejn l-2011 u l-2018, kien bejn wiehded u ieħor 70 % u 80 %). Id-dewmien attribwibbli lil-linji tal-ajru naqas minn madwar 80 % fl-2011 għal madwar 70 % fl-2018, li jirrifletti żieda fid-dewmien ikklassifikat bħala ċirkostanzi straordinarji – bħal dewmien minħabba l-kontroll tat-traffiku tal-ajru) turi biss li d-dewmien attribwibbli lil-linja tal-ajru huwa aktar baxx meta mqabbel ma' għadd oġġla ta' dewmien minħabba l-kontroll tat-traffiku tal-ajru, iżda mhuwiex magħruf jekk dan naqasx meta mqabbel ma' ċifri preċedenti dwar id-dewmien attribwibbli lil-linji tal-ajru. Il-Grafika 2.6 ta' dan l-Istudju turi b'mod ċar iż-żieda fid-dewmien attribwibbli lil-linji tal-ajru.

L-istudju jsib li filwaqt li huwa possibbli li r-Regolament 261/2004 għandu impatt marġinali fuq il-proporzjon ta' titjiriet imdewma, ma jidhirx li huwa sinifikanti meta mqabbel ma' fatturi oħra.⁸

Barra minn hekk, dan jikkonferma li ma huwiex faċli li jiġi identifikati b'mod preċiż ir-responsabbiltajiet għad-dewmien⁹ u jqis id-dewmien kollu li mhuwiex ikkawżat minn ċirkostanzi straordinarji bħala attribwibbli lil-linji tal-ajru¹⁰.

L-Istudju tal-2012 jikkonferma li hemm nuqqas ta' qbil sinifikanti bejn il-partijiet ikkonċernati dwar l-interpretazzjoni ta' ċirkostanzi straordinarji¹¹.

³ <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/f03df002-335c-11ea-ba6e-01aa75ed71a1>.

⁴ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52013SC0062>.

⁵ https://transport.ec.europa.eu/document/download/4d457d44-253a-4efd-810c-a55fb248f09d_en?filename=2012-07-exploratory-study-on-the-application-and-possible-revision-of-regulation-261-2004.pdf.

⁶ il-punt 2.31.

⁷ il-punt 2.45.

⁸ il-punt 2.37.

⁹ il-punt 2.46, in-nota.

¹⁰ il-punt 2.43.

¹¹ il-punt 7.41.

L-Istudju tal-2012 diġà wera li l-ispejjeż ta' kumpens għad-dewmien żdiedu b'mod sinifikanti¹². F'dan ir-rigward, nixtiequ ninnotaw li l-għarfien tal-passiġġieri dwar id-drittijiet tagħhom seta' żdied b'mod sinifikanti mill-2012, u dan wassal għal kostijiet ta' kumpens saħansitra ogħla għal-linji tal-ajru.

Kwistjonijiet essenzjali

Fil-fehma tagħna, il-kwistjonijiet li ġejjin jeħtieġu aktar konsiderazzjoni:

1. jekk jeżistix xi tip ta' dewmien li huwa fl-interess tal-linji tal-ajru;
2. jekk huwiex mixtieq li l-linji tal-ajru jiġu obbligati jħallu kumpens għal dewmien li ma jkunx ikkawżat minħabba l-interessi kummerċjali tagħhom u li ma jkunux responsabbli għalih, filwaqt li jinżamm preżenti li l-linji tal-ajru de facto ma jistgħux jitolbu dawn l-ammonti mingħand il-partijiet responsabbli¹³;
3. jekk jinkisibx bilanċ bejn il-protezzjoni tal-passiġġieri u l-interessi tal-industrija bl-introduzzjoni ta' kumpens għad-dewmien, filwaqt li jinżamm preżenti li l-linji tal-ajru lanqas ma jistgħu jinvokaw ċirkostanzi straordinarji għal dewmien ikkawżat b'mod indirett u li l-eżistenza ta' ċirkostanzi straordinarji spiss tkun diffiċli li tiġi stabbilita minħabba l-għadd kbir ta' fatturi li jwasslu għad-dewmien ta' titjira waħda¹⁴;
4. jekk spejjeż ogħla ta' kumpens għal-linji tal-ajru jwasslux għal tariffi ogħla, li possibbilment jaffettwaw ukoll il-kompetittività;
5. jekk hemmx mod aħjar biex tiġi żgurata protezzjoni għolja tal-konsumatur filwaqt li jiġi rispettati l-interessi tal-industrija;
6. jekk l-ammont ta' xogħol tal-NEBs huwiex ser jiżdied.

Aħna nemmnu li dawn il-konsiderazzjonijiet jeħtieġu aktar ġbir ta' data u analiżi tagħha.

Barra minn hekk, huma meħtieġa sforzi sinifikanti biex ir-Regolament (jiġifieri d-drittijiet tal-passiġġieri) jinftiehem faċilment mill-pubbliku li jkun qed jivvjaġġa.

¹² il-punt 7.53, il-figura 7.5.

¹³ ara l-Istudju tal-2012, il-punti 7.113 u 7.123.

¹⁴ ara l-Istudju tal-2020, il-punt 2.46, in-nota.

Proposta

Fil-fehma tagħna, l-approvazzjoni tal-emendi b'mod mgħaġġel tista' għal darb'oħra twassal għall-adozzjoni ta' Regolament li ma jaħdimx sew. Għalhekk, aħna nipproponu li l-kwistjonijiet imsemmija f'dan id-dokument jiġu analizzati bir-reqqa sabiex ikun jista' jiġi stabbilit il-bilanċ mixtieq bejn il-protezzjoni tal-passiġġieri u l-interessi tal-industrija u biex jiġi adottat Regolament li jibqa' validu tul iż-żmien."

DIKJARAZZJONI MIL-LITWANJA

"Il-Litwanja terġa' tafferma l-appoġġ ġenerali tagħha għall-oġġettivi tal-proposta dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri tal-Ajru u tagħraf l-isforzi kontinwi tal-Presidenza tal-Kunsill u tal-Istati Membri biex jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl importanti.

Madankollu, filwaqt li nagħrfu l-progress li sar mid-deċiżjonijiet aktar bikrin, il-Litwanja tibqa' mħassba li xi elementi ċentrali tal-abbozz, hekk kif inhu, għad jistgħu jdgħajfu l-protezzjoni tal-passiġġieri meta mqabbel mal-qafas regolatorju attwali. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-proposta jibqgħu ta' sfida, peress li jistgħu jnaqqsu l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri f'każ ta' tfixkil jew dewmien tat-titjira mal-wasla minħabba riprogrammar tar-rota wara kanċellazzjoni. Dawn il-bidliet jistgħu jwasslu għal ħinijiet ta' stennija itwal u kumpens imnaqqas, b'hekk jitnaqqsu l-aspettattivi leġittimi tal-passiġġieri rigward il-kwalità tas-servizz.

Il-Litwanja tenfasizza li l-oġġettiv ewlieni tal-leġislazzjoni li tissalvagwardja d-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru għandu jibqa' s-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tar-regoli eżistenti, l-iżgurar taċ-ċarezza legali għall-partijiet kollha filwaqt li tiġi ggarantita wkoll protezzjoni ġusta u effettiva għall-passiġġieri. Aħna ninnotaw ukoll li l-Unjoni Ewropea għandha mezzi oħra biex trawwem il-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni tagħha. Madankollu, dak l-oġġettiv ma jistax jinkiseb għad-detriment tad-drittijiet tal-passiġġieri.

B'konklużjoni, il-Litwanja tibqa' tal-fehma li l-protezzjoni tal-passiġġieri hija l-pedament ta' din l-inizjattiva leġislattiva u għandha tibqa' fil-qalba tagħha, biex jiġi żgurat li jkollha valur reali u dejjiemi għas-soċjetà Ewropea."

DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL

"Il-Portugall jirringrazzja lill-Presidenza Pollakka u lill-presidenzi preċedenti għall-ħidma kollha tagħhom fin-negozjar tal-emendi għar-Regolament dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri tal-Ajru.

Il-Portugall dejjem argumenta li kwalunkwe reviżjoni tar-Regolament għandha mhux biss tiffaċilita l-implimentazzjoni, iżda, fuq kollox, iżżomm jew saħansitra saħħaħ id-drittijiet tal-passiġġieri, biex b'hekk il-passiġġieri jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni li stabbiliet standards f'reġjuni oħra tad-dinja.

F'dan ir-rigward, il-ftehim politiku li ġie vvutat mill-maġġoranza ma jissodisfax l-aspettattivi tal-passiġġieri, b'mod partikolari f'termini ta' limiti ta' distanza jew ħinijiet tal-ivvjaġġar, b'impatt notevoli fuq l-Istati Membri li huma ġeografikament aktar 'il bogħod miċ-ċentru tal-kontinent Ewropew u fuq ir-reġjuni ultraperiferiċi. Il-limiti approvati jirrappreżentaw pass lura f'termini ta' drittijiet tal-passiġġieri u l-Portugall qed jivvota kontra l-ftehim politiku.

Madankollu, fin-negozjati sussegwenti mal-Parlament Ewropew, il-Portugall ser jesprimi r-rieda tiegħu li jkompli jippromwovi b'mod kostruttiv titjib sostantiv fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea li jissodisfa l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati kollha, b'enfasi partikolari fuq il-passiġġieri li l-interessi tagħhom ġew protetti minn dan ir-Regolament mill-2004."

Dwar il-punt "A" **nru 9:**

Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja b'dan iżżid id-dikjarazzjoni hawn taħt għall-minuti mal-oġġezzjoni tagħha:

Il-ħamrija f'saħħitha hija prerekwiżit għal bosta servizzi tal-ekosistemi, bħar-raggruppamenti tal-karbonju u l-filtrazzjoni u l-ħżin tal-ilma. Tagħxi wkoll bħala l-qugħ kontra l-kontaminanti, iservi bħala bażi għal dieta adegwata u tajba għas-saħħa, tipprovdi l-bijomassa agrikola u tal-forestrija u tkessaħ b'mod naturali ż-żoni urbani. Huwa imperattiv li tinżamm u, fejn possibbli, tittejjeb, is-saħħa tal-ħamrija, inkluż il-kontenut tal-ħumus u l-biodiversità tal-ħamrija. Il-kundizzjonijiet lokali fl-Istati Membri individwali huma fattur ewlieni f'dak ir-rigward. Fil-fehma tal-Ġermanja, il-proposta għal-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija, kif maqbula bejn il-Parlament Ewropew u l-Presidenza tal-Kunsill, ma tqisx b'mod suffiċjenti l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u toħloq piżijiet addizzjonali u strutturi doppji."

DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA

"L-Iżvezja tapprezza li t-test ta' kompromess finali fil-biċċa l-kbira jissalvagwardja l-flessibbiltà u l-kontroll tal-Istati Membri. L-Iżvezja tirrikonoxxi li l-Artikolu 11 mexxa sostanzjalment f'konformità mal-pożizzjoni tal-Iżvezja bit-tħassir ta' prinċipji komuni ta' ġestjoni sostenibbli legalment vinkolanti u mat-tħassir tal-Anness III.

Madankollu, it-tħassib sottostanti tal-Iżvezja fir-rigward tad-Direttiva proposta jipersisti. L-Iżvezja għadha temmen li l-proposta ser iġġarrab kostijiet addizzjonali fir-rigward tal-benefiċċji tagħha u mhux jirnexxilha tara valur miżjud ċar li jiġġustifika l-piż amministrattiv ta' qafas komuni ta' monitoraġġ li jkun legalment vinkolanti. Il-kosteffiċjenza tal-qafas ta' monitoraġġ għadha inċerta u hemm nuqqas ta' assigurazzjoni tal-kwalità bbażata fuq l-evidenza li l-qafas propost ser ikun fattibbli u applikabbli kif xieraq għal tipi differenti ta' ħamrija. In-natura transkonfinali tas-saħħa tal-ħamrija hija limitata u hija qrib il-kompetenza nazzjonali.

It-test ta' kompromess finali jirriżulta f'Direttiva li hija eqreb għall-pożizzjoni tal-Iżvezja meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni u l-Iżvezja tista' għalhekk, fl-ispirtu ta' kompromess, taċċetta t-test ta' kompromess finali. Madankollu, l-Iżvezja tenfasizza t-tħassib imsemmi hawn fuq, kif ukoll li ma hemm l-ebda garanzija li l-qafas ser jaħdem fil-prattika."
